**DEĊIŻJONI LI ILMENT MA JIĠIX INVESTIGAT AKTAR**

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 135 |
| **Allegazzjoni:** | Għoti ta' risposta qarrieqa għal mistoqsija parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 24 ta' Novembru 2022 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 25 ta' Awwissu 2023 |

**L-Ilment**

1. Fl-24 ta' Novembru 2022, il-Professur Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Dr Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, talli allegatament qarraq bil-Parlament fir-risposta li huwa ta għal mistoqsija parlamentari. L-ilment huwa anness ma' din id-deċiżjoni bħala d-Dokument A.

2. L-ilment isegwi rapport ippubblikat minn *The Shift* fl-istess jum[1] u qed jirreferi għall-mistoqsija parlamentari numru 3098 tal-erbatax-il leġiżlatura. F'din il-mistoqsija, l-Onor. Rebekah Borg talbet lill-Ministru Grima jippubblika l-audit report li abbażi tiegħu il-liċenzja tal-American University of Malta (AUM) ġiet estiża għal ħames snin. Il-Ministru wieġeb fl-14 ta' Ottubru 2022 u qal li informazzjoni mitluba diġà kienet tinsab pubblika fuq il-website tal-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA). Fir-rapport tagħha, *The Shift* allegat li dan ma kienx minnu u li r-rapport in kwistjoni ma kienx aċċessibbli.

1 Ara https://theshiftnews.com/2022/11/24/audit-allowing-aums-licence-to-be-extended-remains-under-wraps/.

3. Fil-25 ta' Novembru 2022, l-Ilmentatur għadda lil dan l-Uffiċċju stqarrija li huwa ħareġ lill-istampa, fejn qal li r-rapport li kien aċċessibbli fuq il-website tal-MFHEA kien dak ta' Ottubru 2020, u mhux dak dwar audit li kien sar bejn Marzu u April 2022 (Dokument B).

**Il-Kuntest**

*Audits tal-AUM*

4. Jirriżulta mill-indaġni preliminari ta' dan l-Uffiċċju dwar l-ilment li:

- F'Settembru 2016, l-AUM ingħatat liċenzja biex topera bħala università. Din il-liċenzja kienet valida għal perjodu inizjali ta' ħames snin.
- F'Ottubru 2020 sar institutional audit tal-AUM. Ir-rapport dwar dan l-audit ġie ppubblikat f'Lulju 2021.
- F'Diċembru 2021 il-liċenzja tal-AUM ġiet imġedda għal sena waħda, sa Settembru 2022.
- F'April 2022 sar programme audit tal-AUM. Dan l-audit iffoka fuq il-korsijiet offruti mill-AUM, mhux fuq l-AUM bħala istituzzjoni. Ir-rapport dwar dan l-audit ġie ppubblikat f'Diċembru 2022.
- F'Awwissu 2022, il-liċenzja tal-AUM ġiet estiża għal ħames snin oħra.

*Mistoqsijiet parlamentari*

5. Saru numru ta' mistoqsijiet parlamentari dwar l-estensjoni tal-liċenzja tal-AUM, apparti l-mistoqsija numru 3098 li diġà ssemmiet fuq.

6. Permezz tal-**mistoqsija 3756**, magħmula fit-8 ta' Novembru 2022, l-Onor. Rebekah Borg rriferiet għat-tweġiba li l-Ministru kien ta għall-mistoqsija 3098 u staqsietu fejn wieħed seta' jsib l-aktar audit report riċenti, billi l-uniku wieħed ippubblikat kien dak tal-2021. Fir-risposta tiegħu, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2022, il-Ministru Grima wieġeb li "*l-aħħar audit ġie konkluż f'Ottubru tas-sena 2021 hekk kif titlob il-leġiżlazzjoni sussidjarja b'hekk ir-rapport pubblikat hu l-aktar wieħed riċenti*."

7. Dan l-Uffiċċju jifhem li hawn il-Ministru kien qed jirreferi għar-rapport ta' Ottubru 2020.

8. Permezz tal-**mistoqsija 4449**, magħmula fil-25 ta’ Novembru 2022, l-Onor. Borg ġibdet l-attenzjoni tal-Ministru għall-fatt li l-aktar audit report reċenti li kien aċċessibbli kien dak ta’ Ottubru 2020. Hija staqsiet jekk sarx audit fl-2022 billi f’Awwissu tal-istess sena l-liċenzja tal-AUM ġiet imġedda għal ħames snin. Il-Ministru wieġeb fil-5 ta’ Diċembru 2022. Huwa rrefera għar-risposta li kien ta għall-mistoqsija numru 3756 u qal “*dik ir-risposta hi korretta fejn l-Institutional Audit, li abbażi tiegħu toħroġ il-liċenzja, kien u għadu jinsab online*”.

9. Permezz tal-**mistoqsija 8329**, magħmula fis-27 ta’ April 2023, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici staqsa l-Ministru jekk kienx minnu li l-bord tal-MFHEA ma kienx approva l-estensjoni tal-liċenzja tal-AUM għal perjodu ulterjuri ta’ ħames snin, peress li meta din ġiet imħabbra l-Bord ma kienx legalment kompost. Il-Ministru wieġeb fil-5 ta’ Mejju 2023 billi qal li “*l-liċenzja ġiet mġedda abbażi tal-institutional audit li sar f’Lulju tas-sena 2021 u infurmat ukoll li dan l-audit ġie approvat mill-bord tal-MFHEA*”.

10. Dan l-Uffiċċju jifhem li hawn ukoll il-Ministru kien qed jirreferi għar-rapport ta’ Ottubru 2020, li ġie ppubblikat f’Lulju 2021.

**Konsiderazzjonijiet**

11. Dan l-Uffiċċju għandu jikkunsidra l-ewwel jekk hix fil-kompetenza tiegħu li jinvestiga l-korrettezza ta’ risposta mogħtija minn ministru għal mistoqsija parlamentari.

12. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti kkunsidra numru ta’ ilmenti dwar l-imġiba ta’ deputati fil-Parlament iżda ddeċieda li ma jinvestiga ebda wieħed minnhom. F’kull każ il-Kummissarju kkonkluda li huwa l-Ispeaker li għandu s-setgħa jirregola l-imġiba ta’ deputati fil-Parlament u l-Kummissarju m’għandux jissindika d-deċiżjonijiet tal-Ispeaker.

13. Wieħed minn dawn l-ilmenti kien dwar każ fejn ma ngħatatx risposta għal mistoqsija parlamentari. F’dan il-każ il-Prim Ministru għażel li ma jweġibx il-mistoqsija għaliex qal li biex tinġabar l-informazzjoni mitluba, kien jinqabeż “*l-advisory cost limit*”. Id-deputat li għamel il-mistoqsija talab ruling mingħand l-Ispeaker dwar jekk din ir-risposta kinitx ammessibbli. Fir-ruling tiegħu l-Ispeaker ikkonkluda li huwa ma kellux is-setgħa jindaħal f’risposta mogħtija minn ministru għal mistoqsija parlamentari.

14. Sussegwentement sar ilment dwar dan il-każ mal-Kummissarju preċedenti, iżda huwa ddeċieda li m'għandux jinvestiga l-ilment sabiex ma jissindikax deċiżjoni tal-Ispeaker:

> *12.* [...] *Huwa l-Ispeaker li għandu jiddetermina jekk risposta għal mistoqsija parlamentari hix sodisfaċenti, u jiena m'għandix nissindika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu fil-qadi ta' dan l-irwol.*
>
> *14.* [...] *l-Ispeaker qiegħed jinterpreta l-Ordnijiet Permanenti, li huma l-mekkaniżmu legali li jirregola x-xogħol tal-Parlament. Jekk l-Ispeaker m'għandux is-setgħa jirregola risposti għal mistoqsijiet parlamentari, dan jista' jitqies li jirrifletti nuqqas fl-Ordnijiet Permanenti fis-sens li ma jagħtuhx it-tali setgħa. Dan in-nuqqas (li donnu jirrifletti nuqqas simili fl-Ordnijiet Permanenti tar-Renju Unit) jista' jiġi rimedjat permezz ta' emendi fl-Ordnijiet Permanenti, u ma jagħtix lok biex jiena nintervjeni f'qasam li jaqa' taħt l-awtorità tal-Ispeaker.*[2]

15. Dan ir-raġunament japplika ugwalment għal każi fejn jiġi allegat li ministru ta tweġiba falza għal mistoqsija parlamentari, bħal fl-ilment preżenti.

16. Mill-banda l-oħra, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, fih dispożizzjonijiet li potenzjalment japplikaw direttament għal każi bħal dawn. B'mod partikolari, l-artikolu 4.3 tal-Kodiċi jgħid li "[...] *il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb*." Huwa d-dmir tal-Kummissarju għall-Istandards skont l-Att li jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' dan il-kodiċi.

17. Dan donnu ġie rikonoxxut mill-Ispeaker f'ruling li huwa ta fis-16 ta' Novembru 2022 dwar każ fejn ministru naqas milli jattendi seduta parlamentari meta kien imissu jwieġeb mistoqsijiet dwar materji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Fir-ruling tiegħu l-Ispeaker jirreferi għal diversi dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali, inkluż l-artikolu 4.3, iżda jgħid li "*l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma*

[2] Deċiżjoni datata 21 ta' Mejju 2021 li m'għandux jiġi investigat l-ilment nru 076.

*jispettax lilha* [lis-Sedja, jiġifieri lill-Ispeaker] *skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika*".[3]

18. Dan l-Uffiċċju deherlu li, fid-dawl ta' dan ir-ruling, id-deċiżjoni kkwotata fuq tal-Kummissarju preċedenti setgħet twassal għal sitwazzjonijiet fejn sew l-Ispeaker u sew il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jagħżlu li ma jidħlux f'każ sabiex iħarsu l-ġurisdizzjoni ta' xulxin. Dan l-Uffiċċju ħass li sitwazzjonijiet tali kellhom jiġu evitati.

19. Għalhekk dan l-Uffiċċju deherlu li kellu jikkunsidra l-ilment preżenti, u fit-28 ta' Marzu 2023 kiteb lill-Ministru Clifton Grima biex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru. Dan wassal għal skambju ta' korrispondenza bejn il-Ministru u dan l-Uffiċċju dwar is-setgħa ta' skrutinju ta' risposti għal mistoqsijiet parlamentari. Dan l-Uffiċċju talab ukoll il-veduti tal-Ispeaker dwar din il-materja permezz ta' laqgħa li ġiet segwita bi skambju ta' korrispondenza. Fil-fehma tal-Ispeaker,

> [...] *materji relatati mat-tmexxija tal-Kamra u allura dak kollu relatat mal-proċeduri parlamentari għandu jaqa' taħt il-mansjoni tas-Sedja u dan kif joħroġ mid-diversi dispożizzjonijiet tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Din il-mansjoni toħroġ ukoll mill-Kostituzzjoni fosthom mill-Artikolu 69 li jgħid ċar li huwa l-Ispeaker li jippresjedi kull seduta tal-Kamra. Għaldaqstant nara li kwestjonijiet konnessi mal-proċedura parlamentari tal-interpellanzi* [mistoqsijiet] *parlamentari għandhom jibqgħu jiġu riferuti lis-Sedja.*
>
> [...] *fejn is-Sedja trattat kwestjonijiet konnessi ma' żvijar tal-Kamra – misleading of the House – u l-intenzjoni ta' żvijar – mens rea – is-Sedja ma baqgħetx lura milli tippronunzja ruħha u tagħti direzzjoni.*[4]

20. Din il-korrispondenza kollha qed tiġi annessa ma' din id-deċiżjoni (Dokumenti Ċ sa H) fl-interess tat-trasparenza.

---

[3] Paġna 5 tar-ruling nru 8 tal-erbatax-il leġiżlatura, aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/119527/s54-16112022-assenza-ta-ministru-waqt-il-hin-tal-mistoqsijiet.pdf.

[4] Ittra tal-Ispeaker datata 2 ta' Ġunju 2023, annessa ma' din id-deċiżjoni bħala d-Dokument H.

21. Jirriżulta minn aktar indaġni da parti ta' dan l-Uffiċċju li, f'ruling mogħti mill-Ispeaker fis-6 ta' Diċembru 2021 dwar risposta għal mistoqsija parlamentari li allegatament kien fiha informazzjoni nieqsa, huwa qal:

> *Is-Sedja tibda billi tagħraf il-pożizzjoni kif espressa minnha u minn Speakers preċedenti diversi drabi, u dan illi taħt l-Ordnijiet Permanenti ma għandha l-ebda mansjoni illi tissindika risposta ta' Ministru. Min-naħa l-oħra, f'każijiet bħal dawn is-Sedja dejjem ħasset li kellha tara jekk ir-risposta li jkun ta l-Ministru, f'dan il-każ il-Ministru Silvio Schembri, hijiex informazzjoni skorretta u mogħtija bil-għan u l-ħsieb li jqarraq lill-Kamra, liema att jammonta għal nuqqas ta' qima lill-istess awtorità tal-Kamra. Hawn tagħmel referenza, pereżempju, għar-ruling mogħti fis-seduta 339 tat-3 ta' Ġunju 2020, li wkoll jelenka diversi rulings preċedenti li kienu bbażati fuq din il-premessa.*
>
> *Madankollu, is-Sedja tqis ilment dwar żgwidar tal-Kamra bħala materja ta' importanza għall-ħidma effettiva ta' dan il-Parlament, u għalhekk talbet lill-Onor. Silvio Schembri sabiex fid-dawl ta' dak li ġie rrappurtat fl-artiklu inkwistjoni ta' theshiftnews.com jirriżultalux li t-tweġiba setgħet ma kinitx kompluta, u f'dak il-każ jinforma lil din il-Kamra jekk għandux xi korrezzjonijiet x'jagħmel jew xi informazzjoni xi jżid mar-risposta li huwa ta għall-Mistoqsija Parlamentari.* [5]

22. Dan jikkonferma li l-Ispeaker għandu s-setgħa li jieħu azzjoni dwar risposti allegatament qarrieqa għal mistoqsijiet parlamentari. Għaldaqstant ir-raġuni li wasslet biex dan l-Uffiċċju jikkunsidra jekk għandux iwarrab id-deċiżjoni tal-Kummissarju preċedenti ma tapplikax. In konformità mat-tali deċiżjoni, dan l-Uffiċċju m'għandux jidħol f'materja li taqa' taħt il-kompetenza tal-Ispeaker.

**Konklużjoni**

23. Għalhekk dan l-Uffiċċju ddeċieda ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li m'hemmx bażi biex dan l-ilment jiġi investigat ulterjorment.

---

5 Ruling mogħti fis-seduta 526 tat-tlettax-il leġiżlatura u aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/114897/s-528-06122021-zgwidar-tal-kamra-mistoqsijiet-parlamentari.pdf.

24. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Ilmentatur għall-finijiet tal-artikolu 17(3) tal-Att, kif ukoll lill-Ministru Clifton Grima bħala l-persuna li dwarha sar l-ilment.

25. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni li mhux se ssir aktar investigazzjoni, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat minn dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 24 ta' Novembru 2022 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Email datata 25 ta' Novembru 2022 mingħand il-Prof. Cassola. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 28 ta' Marzu 2023 lill-Ministru Clifton Grima. |
| Dokument D | Risposta datata 6 ta' April 2023 tal-Ministru Grima. |
| Dokument E | Ittra datata 21 ta' April 2023 lill-Ministru Grima. |
| Dokument F | Risposta datata 27 ta' April 2023 tal-Ministru Grima. |
| Dokument G | Ittra lill-Ispeaker datata 2 ta' Ġunju 2023. |
| Dokument H | Risposta tal-Ispeaker datata 2 ta' Ġunju 2023. |

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba investigazzjoni Clifton Grima, li qarraq bil-parlament
**Date:** Thursday, 24 November 2022 08:16:08

---

Ghaziz Direttur Polidano

Nitolbok tghaddi din it-talba lill- futur Kummissarju tal-istandards.

Tislijiet,
Arnold Cassola

Ghaziz Kummissarju tal-istandards

Qieghed nitolbok tinvestiga l-agir tal-Ministru Clifton Grima.
Huwa qarraq bil-parlament meta rrifjuta li jippubblika l-audit li ppermetta lill-AUM ta' Sadeen tkompli tiffunzjona.
Minkejja weghdiet precedenti li l-audit kien ser jigi ppubblikat qabel ma tigi mgedda l-licenzja, il-Ministru Grima ma wegibx mistoqsija parlamentari dwar dan. Minflok, irrefera ghal website fejn qal li dan l-audit kien ippubblikat.
Dana mhux minnu. Il- ministru qarraq bil-parlament u bic-citradini Maltin.
Dana huwa ksur tal-artikli 4.3 u 4.4 tal-kodici tal-etika tal-Ministri u tas-Segretarji parlamentari.

Nirringrazzjak u nselli ghalik,

Arnold Cassola

# DOKUMENT B

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Investigazzjoni Clifton Grima
**Date:** Friday, 25 November 2022 08:13:59

---

Ghaziz Sur Polidano,

Nitolbok tirregistra din l-email u press Release li jien hrigt dalghodu:

Press Release: AUM: Is Clifton Grima unaware or is he persisting in misleading?

In response to my request to the Standards Commissioner, yesterday evening (of 24 November) Minister Clifton Grima responded that the audit report on the American University of Malta is on the MFHEA website.
Is the minister aware that the report on the website is that carried out in October 2020 and not the one conducted this year, between March - April 2022?
Or is he continuing trying to mislead?

Arnold Cassola
Independent candidate

AUM: Clifton Grima jaf x'hemm fuq il-websajt jew qed jippersisti bil-qerq?

Bi tweġiba għat-talba tiegħi lill-Kummissarju tal-Istandards, ilbieraħ filgħaxija l-Ministru Clifton Grima wieġeb li l-"audit report" dwar l-Università Amerikana ta' Malta jinsab fuq il-websajt tal-MFHEA.

Il-Ministru jaf li r-rapport fuq il-websajt huwa dak li sar f'Ottubru 2020 u mhux dak li sar din is-sena, bejn Marzu - April 2022?

Jew qed ikompli jipprova jqarraq?

Arnold Cassola

Kandidat Indipendenti

Sa dalghodu , 7.26 am tal-25 ta' Novembru, fuq is-sit r-rapport fuq il-websajt huwa dak li sar f'Ottubru 2020.

DOKUMENT Ċ

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

28 ta' Marzu 2023

L-Onor Clifton Grima
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport,
iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Bl-email fuq clifton.grima@gov.mt

Ministru,

**Ilment nru. 135 – Risposta skorretta għal mistosijiet parlamentari**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li inti tajt informazzjoni skorretta lill-Kamra tad-Deputati meta ġejt mitlub, permezz ta' mistoqsija parlamentari, biex tipprovdi kopja ta' audit report li sar fir-rigward tal-American University of Malta, u inti ma pprovdejtx dak ir-rapport. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra, flimkien ma' email oħra li ntbagħtet mill-ilmentatur aktar tard.

Fl-indaġni preliminari tiegħi dwar dan l-ilment qed nikkunsidra dawn il-fatti:

- Fit-12 ta' Ottubru 2022, b'risposta għall-mistoqsija nru 2680 tal-Leġiżlatura XIV, inti għedt li l-liċenzja tal-American University of Malta ġiet imġedda għal ħames snin b'effett minn Awwissu 2022.
- Fl-14 ta' Ottubru 2022, permezz tal-mistoqsija nru 3098, inti ġejt mitlub tippubblika l-audit report li bis-saħħa tiegħu il-liċenzja tal-AUM ġiet imġedda għal ħames snin. Fir-risposta tiegħek, mogħtija fis-26 ta' Ottubru, inti għedt li *"l-informazzjoni mitluba tinsab pubblika fil-website tal-MFHEA"*.
- Madankollu, f'dak l-istadju l-uniku audit report relevanti fuq il-website tal-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) kien dak li sar f'Ottubru tal-2020 u li ġie ppubblikat f'Lulju tal-2021.
- Fit-8 ta' Novembru 2022, inti ġejt mitlub permezz tal-mistoqsija 3756 li tispjega fejn jinsab l-audit report in kwistjoni fil-website tal-MFHEA, billi

deher li *"l-unika rapport li hemm ippubblikat huwa dak tal-2021 u mhux dak l-aktar riċenti"*. Fit-tweġiba tiegħek, mogħtija fl-14 ta' Novembru, inti għedt li *"l-aħħar audit ġie konkluż f'Ottubru tas-sena 2021 hekk kif titlob il-leġiżlazzjoni sussidjarja b'hekk ir-rapport pubblikat hu l-aktar wieħed riċenti."*

- Nifhem li sew il-mistoqsija 3756 u sew ir-risposta tiegħek kienu qed jirreferi għall-audit report ta' Ottubru 2020 u r-referenza għas-sena 2021 hija għas-sena li ġie ppubblikat ir-rapport, u mhux is-sena meta sar l-audit.
- Fil-5 ta' Diċembru 2022, fir-risposta tiegħek għall-mistoqsija 4449, inti insistejt li r-risposta tiegħek għall-mistoqsija 3756 kienet korretta u *"l-Institutional Audit, li abbażi tiegħu toħroġ il-liċenzja, kien u għadu jinsab online."*
- Fil-fatt kien sar audit report ieħor dwar l-American University of Malta f'April 2022, ossia l-*"External Quality Assurance Programmes Audit Report"*, li ġie ppubblikat fuq il-website tal-MFHEA f'Diċembru tal-2022. Madankollu, jidher li r-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet parlamentari 3098, 3756 u 4449 ma ġewx korretti.

Jiena qed nikkunsidra dawn il-fatti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *4.2 Individwalment il-Ministri huma responsabbli lejn il-Parlament għad-deċiżjonijiet, policies u azzjonijiet tagħhom u tad-dipartimenti u l-aġenziji li jaqgħu fid-dekasteri tagħhom.*
>
> *4.3 Konsegwentement il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta'ħsieb.*
>
> *4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali.*

*9.3 Il-Ministri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jagħtu l-iktar informazzjoni preċiża u korretta possibbli u kull korrezzjoni illi tista' tkun meħtieġa għandha ssir mal-ewwel opportunità.*

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għal investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti ġentilment mitlub tinformani:

1. jekk id-deċiżjoni li tiġi estiża l-liċenzja tal-American University of Malta għal ħames snin b'effett minn Awwissu 2022 kinitx ibbażata fuq l-audit li sar fl-2020;
2. fl-affermattiv, jekk sarx xi *follow-up* għal dak ir-rapport qabel ma ngħatat l-estensjoni ta' 5 snin fl-2022, peress illi fl-2021 il-liċenzja kienet ġiet imġedda għal sena biss, preżumibbilment abbażi tal-istess rapport;
3. jekk l-audit li sar f'April 2022 li ġie ppubblikat f'Diċembru 2022, u ċioè l-"*External Quality Assurance Programmes Audit Report*" kienx b'xi mod rilevanti għad-deċiżjoni li tiġi estiża l-liċenzja tal-American University of Malta għal ħames snin b'effett minn Awwissu 2022;
4. fl-affermattiv, għalfejn inti ma rreferejtx għal dan ir-rapport fir-risposti li tajt fil-Parlament f'Novembru u Diċembru 2022.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 28 ta' April 2023**.

Insellimlek,

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT D

**GVERN TA' MALTA**
**MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI**

6 ta' April 2023

Onor. Prim Imħallef Emeritu Dr. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rif Tagħkom: Ilment Nru. 135**

Issir referenza għall-ittra tiegħek datata 28 ta' Marzu, 2023, kif fuq imsemmi.

F'dan l-istadju ġentilment niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-fatt illi l-ilment sar fil-konfront ta' tweġibiet għal mistqosijiet parlamentari. Dan hu xogħol parlamentari magħmul taħt l-Awtorità tal-Kamra tad-Deputati, u huwa regolat bl-artikolu 12 tal-Kapitolu 113 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar Il-Privileġġi u s-Setgħat Tal-Kamra Tad-Deputati) li jipprovdi kif ġej:

> *Ħadd ma hu responsabbli għal danni* ***jew xort'oħra b'kull mod li jkun****, għal xi ħaġa magħmula bis-setgħa tal-Kamra u fil-limiti tas-setgħa li din għandha skont il-liġi jew taħt inkella bis-saħħa ta' mandat maħruġ b'dik is-setgħa.*[Emfażi Miżjuda]

Aktar minn hekk, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, imwaqqaf ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu s-setgħa li jinvestiga ilmenti simili li jinkludu *inter alia* ksur tal-Kodiċi tal-Etika tal-Kamra tad-Deputati jew *Standing Orders* (ara Artikolu 11 tal-Kap. 113) u fejn isib ksur jieħu l-passi skont il-liġi.

Issir riferenza wkoll għall-artikolu 13(4) tal-Kap. 570 li jipprovdi speċifikament li *"il-Kummissarju m'għandux jippreġudika t-twettiq ta' kull dmir assenjat jew prerogattiva mogħtija mill-Kostituzzjoni lil xi persuna, awtorità jew detentur ta' kariga politika ..."*

Bir-rispett kollu dovut nitlob kjarifika peress illi jidher biċ-ċar illi lment bħal dan għandu jkun investigat, *se mai*, mill-President tal-Kamra tad-Deputati u mhux xort' oħra. Kontestwalment qed nitlob ukoll gwida mill-President tal-Kamra.

Fid-dawl tas-suespost u darba li dan il-punt kif fuq espost jiġi kkjarifikat u epurat, ma jkun hemm ebda problema min-naħa tiegħi li ngħaddi l-informazzjoni meħtieġa lill-uffiċju tiegħek, kif mitlub - kemm-il darba però' jirriżulta illi tali materja taqa' tabilħaqq fil-mansjoni tal-Kummissarju ai termini tal-Kap. 570.

Għoddni tiegħek,

Onor. Clifton Grima

Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

21 ta' April 2023

L-Onor. Clifton Grima
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport,
iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Bl-email fuq clifton.grima@gov.mt

Ministru,

**Ilment nru. 135**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 6 ta' April 2023, li waslet f'dan l-uffiċċju fis-17 ta' April 2023.

Fl-ittra tiegħek inti tikkwota l-artikolu 12 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (il-Kap. 113). Dan l-artikolu jidher maħsub biex jeżenta lil min jieħu xi azzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bil-liġi lill-Kamra tad-Deputati minn danni li jistgħu jiġu kkawżati b'riżultat ta' dik l-azzjoni. Dan l-artikolu ma jeżentax deputati mir-responsabbiltà ta' għemilhom jekk iġibu ruħhom ħażin jew jonqsu mill-obbligi tagħhom, u ma jirrappreżenta ebda ostaklu għall-applikazzjoni tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Inti tgħid ukoll li skont l-artikolu 11 tal-Kap. 113, huwa l-Ispeaker li għandu jinvestiga ilmenti dwar ksur tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Madankollu, l-artikolu 11 japplika biss għall-azzjonijiet elenkati fis-subartikolu (4) tiegħu, u dawn ma jinkludu ebda riferenza għal ksur tal-imsemmi kodiċi.

Barra minn hekk, fl-ittra tiegħi tat-28 ta' Marzu 2023 jiena ma rriferejtx għal dan il-kodiċi, iżda għall-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap. 570). F'ruling li ta l-Ispeaker fis-16 ta' Novembru 2022 huwa għamilha ċara li "*l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lilha* [lis-Sedja] *skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika*".

F'dan ir-ruling, li jittratta dwar in-nuqqas ta' attendenza ta' ministru fil-Kamra tad-Deputati sabiex iwieġeb domandi parlamentari, l-Ispeaker jikkwota diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari,

inkluż il-biċċa l-kbira ta' dawk li jiena rriferejt għalihom fl-ittra li bgħattlek fit-28 ta' Marzu 2023.

Permezz ta' dan ir-ruling l-Ispeaker stess effettivament qed jirrikonoxxi li:

(a) il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari japplika għall-imġiba tal-ministri fil-Parlament daqs kemm japplika għall-imġiba tagħhom barra mill-Parlament; u

(b) il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jibqa' risponsabbli għall-infurzar tal-Kodiċi anki fir-rigward tal-imġiba tal-ministri fil-Parlament.

Fid-dawl ta' dan ir-ruling joħroġ ċar li l-ilment li rriferejtlek jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards skont il-Kap. 570.

Nosserva f'dan il-kuntest li l-ilment jittratta dwar jekk inti tajtx informazzjoni korretta b'risposta għall-mistoqsijiet parlamentari li sarulek. Investigazzjoni dwar jekk ir-risposta għal mistoqsija parlamentari hix korretta x'aktarx ikollha tkopri fatti u azzjonijiet li seħħew barra mill-Parlament. L-Ispeaker m'għandux is-setgħat jew il-mezzi biex jinvestiga materji bħal dawn. Dan ġie rikonoxxut mill-Ispeaker f'ruling li huwa ta fl-4 ta' Mejju 2021, fejn qal "*is-Sedja* [...] *ma tistax tippronunċja ruħha fuq il-mertu tat-tweġiba għaliex m'għandha l-ebda mansjoni li tirregola jew tintervjeni fil-kontenut tat-tweġibiet li jingħataw għall-interpellanzi parlamentari.*"

Għalhekk nerġa' nitolbok tipprovdili l-informazzjoni li staqsejtek għaliha fl-ittra tiegħi tat-28 ta' Marzu 2023.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT F

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR EDUCATION, SPORT,
YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

27 ta' April 2023

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

**Re: Ilment Numru 135**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 21 ta' April 2023.

Filwaqt li ntenni li jiena nibqa' kommess li nikkoopera mal-Uffiċju tiegħek fuq dan l-ilment, dejjem b'riferenza għar-risposta tiegħek nixtieq nagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Fl-ewwel lok nifhem illi t-talba tiegħek kienet ai termini tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (II Skeda tal-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika – Kap. 570). Il-pern tal-kwistjoni hija jekk tali Kodiċi ta' Etika japplikax għal xogħol parlamentari, u partikolarment mistoqsijiet parlamentari.

Filwaqt illi nifhem illi x-xogħol parlamentari, fil-maġġor parti tiegħu, jirreferi għal kwistjonijiet li jseħħu 'l hinn mill-binja parlamentari, ix-xogħol jibqa' wieħed prettament ta' natura parlamentari. Lanqas ma jista' jingħad illi l-Kap. 570, filwaqt illi jirregola fost l-oħrajn id-Deputati Parlamentari u Ministri, jestendi awtomatikament għal xogħol Parlamentari regolat bil-Kostituzzjoni u l-Ordnijiet Permanenti. Huwa prinċipju essenzjali legali (u kostituzzjonali) li Deputat għandu jkollu il-libertà' li jesprimi ruħu fil-Parlament.

Ix-xogħol parlamentari huwa regolat bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati u sindikabbli mill-Ispeaker tal-Kamra. Inoltre l-fatt biss illi l-iSpeaker, f'ċerti okkażjonijiet, lanqas hu ma għandu setgħa jissindika lil Deputat, ma jfissirx li *ope legis*, dan il-fatt jiġi regolat bil-kap. 570.

Din il-materja diġà' ġiet deċiża mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Hajja Pubblika u l-eżitu tagħhom kien in linja mas-suespost. Nagħmel riferenza għas-segmenti deċiżjonijiet:

- Fl-ilment numru 076 deċiż nhar il-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju ddeċieda illi "*L-egħmil ta' mistoqsijiet parlamentari, jew interpellanzi kif inhuma wkoll magħrufin, huwa regolat mill-Ordnijiet Permanenti tal-kamra tad-Deputati*

Great Siege Road, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

*(L.S. Kost. 02). B'riferenza b'mod speċifiku għall-ordni permanenti numru 27 huwa l-Ispeaker li għandu s-setgħa jinterpreta l-Ordnijiet Permanenti permezz tar-rulings tiegħu."*

- Fl-ilment numru 034 deċiż nhar id-29 ta' Jannar 2020, il-Kummissarju kien ta deċiżjoni dwar ilment fejn ġie allegat li mistoqsija parlamentari saret bi ksur tar-regoli dwar l-interpellanzi. F'din id-deċiżjoni il-Kummissarju qal hekk:

  *"Huwa l-ispeaker li għandu s-setgħa jiddeċiedi jekk interpellanza hix ammissibbli skont l-ordni 27. Huwa minnu li l-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati jobbliga*

  *lil kull membru tal-Kamra li jsegwi l-Ordnijiet Permanenti. Madankollu. l-Ispeaker għandu diskrezzjoni fit-tmexxija tax-xogħol tal-Parlament u jiena m'għandix nissindika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu ħlief f'każi eċċezzjonali u gravi."*

- Fl-ilment numru 048 deċiż nhar il-25 ta' Mejju 2020 l-Kummissarju ddeċieda li huwa l-Ispeaker li għandu r-responsabbiltà li jiċċensura deputat parlamentari li jġib ruħu ħażin fil-preżenza tiegħu, u kompla hekk:

  *"This role necessarily confers considerable discretion on the Speaker. It is my policy that, as a rule, I should not consider complaints that would involve the scrutiny of the exercise of such discretion. If I were to act otherwise, I would in effect be overruling or second-guessing the decision of Mr Speaker to allow or disallow that conduct by members during parliamentary sittings."*

  ***"Fil-fehma tiegħi, l-istess raġunament jgħodd għall-ilment preżenti. Huwa l-Ispeaker li għandu jiddetermina jekk risposta għal mistoqsija parlamentari hix sodisfaċenti, u jiena m'għandix nissindika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu fil-qadi ta' dan ir-rwol."***

- Fl-ilment numru 076 deċiż nhar il-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju iddeċieda *"...l-Ispeaker qiegħed jinterpreta l-Ordnijiet Permanenti, li huma l-mekkaniżmu legali li jirregola x-xogħol tal-Parlament.* ***Jekk l-Ispeaker m'għandux is-setgħa jirregola risposti għal mistoqsijiet parlamentari, dan***

***jista' jitqies li jirrifletti nuqqas fl-Ordnijiet Permanenti fis-sens li ma jagħtux it-tali setgħa. Dan in-nuqqas (li donnu jirrifletti nuqqas simili fl-Ordnijiet Permanenti tar-Renju Unit) jista' jiġi rimedjat permezz ta' emendi fl-Ordnijiet Permanenti, u ma jagħtix lok biex jiena nintervjeni f'qasam li jaqa' taħt l-awtorità tal-Ispeaker."***

Isegwi għalhekk illi l-kontenut tal-mistoqsijiet parlamentari, u r-risposti tagħhom għandu jitqies xogħol Parlamentari li jaqa '1 barra mill-iskop tal-Kap. 570 u dan anke skont l-interpretazzjoni mogħtija f' diversi sentenzi mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. B'mod partikolari fid-deċiżjoni għall-ilment numru 048 l-Kummissarju ddeċieda li ma għandux is-setgħa li jissindika l-kontenut ta' tweġiba parlamentari u jekk tali risposta hijiex kompleta u sodisfaċenti. L-istess raġunament għandu japplika fil-każ odjern.

Nitlob għalhekk ġentilment illi tirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħek fl-ittra datata fil-21 ta' April 2023.

Nibqa' dispost li nikkoopera bis-sħiħ mal-uffiċju u min issa niddikjara li, jekk ikun il-każ, dispost li din il-kwistjoni tista' tiġi diskussa f'laqgħa appozita.

Għoddni tiegħek.

Clifton Grima
Ministru

Great Siege Road, Floriana, Malta
**T** +356 2598 2860 **M** +356 9947 7961 **E** clifton.grima@gov.mt
**www. education.gov.mt**

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

2 ta' Ġunju 2023

L-Onor. Dr Anġlu Farrugia MP
Speaker tal-Kamra tad-Deputati

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Ġurisdizzjoni fuq risposti għal mistoqsijiet parlamentari**

Qiegħed ngħaddilek kopja ta' korrispondenza bejn dan l-Uffiċċju u l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Edukazzjoni, dwar allegazzjoni li l-Ministru Grima ta risposti skorretti għal xi mistoqsijiet parlamentari. Din il-korrispondenza tikkonsisti fi tliet dokumenti:

- ittra datata 6 ta' April 2023 tal-Ministru Grima;
- ir-risposta ta' dan l-Uffiċċju datata 21 ta' April 2023; u
- ittra oħra datata 27 ta' April 2023 tal-Ministru Grima.

Il-Ministru Grima qed iġib l-argument li dan l-Uffiċċju m'għandux ninvestiga l-allegazzjoni in kwistjoni għaliex ix-xogħol parlamentari huwa regolat bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati u sindakabbli minnek bħala Speaker.

Il-Ministru jżid jgħid li l-fatt li f'ċerti istanzi lanqas l-Ispeaker m'għandu s-setgħa jissindika lid-deputati mhux bilfors ifisser li l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap. 570) japplika għal dawn l-istanzi. Hawnhekk il-Ministru qed jirrikonoxxi indirettament li l-Ordnijiet Permanenti ma jirregolawx is-sustanza tar-risposti li jingħataw għall-mistoqsijiet parlamentari.

Mill-banda l-oħra, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Kap. 570, jitkellem ċar dwar l-obbligi tal-ministri fil-konfront tal-Parlament. Dan inti għaraftu f'ruling li tajt fis-16 ta' Novembru 2022 dwar każ fejn ministru ma kienx preżenti fil-Kamra tad-Deputati meta kien imissu jwieġeb domandi parlamentari. F'dan ir-ruling inti kkwotajt b'mod estensiv mill-Kodiċi, filwaqt li għamiltha ċara li l-infurzar tiegħu ma jispettax lilek.

Dan ir-ruling jindika li l-Kap. 570 japplika għal allegazzjoni li ministru ta risposta skorretta għal mistoqsija parlamentari. Fid-dawl ta' dan, jekk wieħed jaċċetta

l-argumenti tal-Ministru Grima tqum il-possibbiltà li sew l-Ispeaker u sew il-Kummissarju għall-Istandards jikkonkludu li m'għandhomx jinvestigaw allegazzjoni tali għaliex taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-ieħor. Jidhirli li sitwazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu evitati.

Xtaqt nitlob il-veduti tiegħek dwar din il-kwistjoni qabel ma nwieġeb l-aktar ittra riċenti tal-Ministru Grima.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT H

KAMRA TAD-DEPUTATI

HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

L-iSpeaker

The Speaker

2 ta' Ġunju 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 2 ta' Ġunju 2023 u l-punti sollevati dwar il-korrispondenza li għaddejja bejn l-Uffiċċju tiegħek u l-Ministru Clifton Grima fejn tlabt il-veduti tiegħi fir-rigward.

Nibda mill-ewwel billi ngħid li jien tal-opinjoni li materji relatati mat-tmexxija tal-Kamra u allura dak kollu relatat mal-proċeduri parlamentari għandu jaqa' taħt il-mansjoni tas-Sedja u dan kif joħroġ mid-diversi dispożizzjonijiet tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Din il-mansjoni toħroġ ukoll mill-Kostituzzjoni fosthom mill-Artikolu 69 li jgħid ċar li huwa l-Ispeaker li jippresjedi kull seduta tal-Kamra. Għaldaqstant nara li kwestjonijiet konnessi mal-proċedura parlamentari tal-interpellanzi parlamentari għandhom jibqgħu jiġu riferuti lis-Sedja.

Ninnota li din l-istess pożizzjoni kien ħadha wkoll il-predeċessur tiegħek f'numru ta' deċiżjonijiet li anke ssir referenza għalihom fil-korrispondenza li għaddejtli mal-ittra fuq imsemmija.

Jekk tippremettili nixtieq issa niġi għal punt ieħor li semmejt fl-ittra tiegħek fir-rigward tar-ruling li kont tajt fis-16 ta' Novembru 2022. F'dik id-deċiżjoni s-Sedja kienet qalet hekk:

> "Is Sedja filwaqt li tinnota li m'għandiex poter li tordna li Ministru jkun fil Kamra u li l infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lila skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil Ħajja Pubblika, xorta waħda tħoss li għandha tiġbed l-attenzjoni ta' kull Ministru għal dak li huwa mistenni minnu fir-rigward tal-Kamra tad-Deputati u dan f'osservanza tal-istess responsabilità ministerjali, kemm dik kollettiva kif ukoll individwali."

Nixtieq nippreċiża li meta kont qed ngħid li "l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lilha" kelli f'moħħi l-artikolu 3 tal-istess kodiċi li jgħid hekk:

> "3. INFURZAR TA' DAN IL-KODIĊI
>
> Jekk jirriżulta li Ministru jkun ġab ruħu jew aġixxa b'mod li *prima facie* jikkostitwixxi ksur ta' dan il-Kodiċi, il-Prim Ministru juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex jiddeċiedi x'passi għandhom jittieħdu. Il-Prim Ministru għandu dritt jirreferi lil jew jikkonsulta dwar il-materja ma' xi organu diġà stabbilit b'liġi jew li għad ikun stabbilit, però fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni finali dwar jekk jeżistix ksur u l-konsegwenza applikabbli, tibqa' dejjem kompetenza esklussiva tal-Prim Ministru."

kif riprodott fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Minkejja dan, kif tinnota mill-istess ruling ċitat kif ukoll minn rulings oħrajn fejn is-sedja trattat kwestjonijiet konnessi ma' żvijar tal-Kamra - misleading of the House - u l-intenzjoni ta' żvijar - *mens rea* - is-Sedja ma baqgħetx lura milli tippronunzja ruħha u tagħti direzzjoni.

Għaldaqstant, anke *ai termini* tal-artikolu 13(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblilka, intenni li kull materja konnessa ma' proċeduri tal-Kamra għandha tibqa' taqa' taħt il-mansjoni tas-Sedja. Fl-istess ħin napprezza l-fatt li kkomunikajt miegħi dwar il-każ inkwistjoni, anzi nistiednek biex meta tara opportun niltaqgħu ħalli nkunu nistgħu niddiskutu materji bħal dawn, dejjem fl-aħjar interess tal-istituzzjonijiet li ġew fdati lilna biex immexxu.

Inselli għalik

Anġlu Farrugia
Speaker